# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO LL.D. - PRESIDENT**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Lulju 2002**

**Numru**

**Citaz. numru: 1946/96 NA**

**Saviour Farrugia ghan-nom u in rapprezentanza ta' John's Garage Limited**

**vs**

**Paul Barbara**

**Il-Qorti,**

Rat illi b'citazzjoni prezentata fis-6 ta' Gunju 1996 l-attur nomine ppremetta:

"Illi fid-29 ta' Jannar 1996, is-socjeta' attrici hallset lit-Topper Auto Dealer is-somma ta' tlett elef Lira Maltin (Lm3,000.00) (Dok. "A") liema somma giet imhallsa ghan-nom ta' u a

beneficcju tal-konvenut Paul Barbara u dan ghar-ragunijiet hawn taht spjegati:

1. Il-konvenut Paul Barbara biegh van (Van numru M 897 WBV), liema van gie stmat Lm3,000.00 lil certu Paul Micallef;

2. Barbara biegh ukoll Mercedes lit-Topper Auto Dealer ghas-somma ta' elf u hames mitt Lira Maltin (Lm1,500.00), liema somma giet imhallsa immedjatament mit-Topper Auto Dealer lil Paul Barbara;

3. Sussegwentement, il-Van numru M 897 WBV gie konfiskat mill-Pulizija fuq suspett li kien misruq u b'hekk Micallef talab lil Barbara biex jirrestitwixxi lura it-tlett elef lira Maltin (Lm3,000.00) li kien hallsu, liema ammont Barbara rrifjuta li jrodd lura;

4. Fl-24 ta' Novembru 1995, Micallef ottjena l-hrug ta' Mandat ta' Qbid numru 3206/95 fl-ammont ta' tlett elef Lira Maltin (Lm3,000.00) fuq il-karozza Mercedes li kienet gja' fil-pussess ta' Topper Auto Dealer, b'konsegwenza li l-

imsemmi Topper Auto Dealer gie prekluz milli jbiegh din il-karozza;

5. F'Jannar 1996 intlahaq ftehim bejn Micallef u Barbara fejn Micallef accetta li jitlob il-hrug ta' Kontro-Mandat ghal Mandat ta' Qbid fuq imsemmi stante li jigi mhallas Lm3,000.00;

6. Illi Barbara hallas lil Micallef b'cheque ta' John's Garage Limited liema somma giet avvanzata mill-istess socjeta' ghan-nom u a beneficcju tieghu;

Illi sallum il-konvenut ghadu ma hallasx din is-somma lura, u ghalkemm interpellat diversi drabi, huwa qed jirrifjuta li jhallas;

TALAB li din il-Qorti:-

1. tikkundanna lill-konvenut ihallas lura lill-atturi s-somma ta' tlett elef lira Maltin (Lm3,000.00) minnu dovuti kif hawn fuq indikat;

Bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni."

Illi permezz ta' rikors datat 4 ta' Marzu 1997, l-konvenut talab li jigi notifikat bl-atti tac-citazzjoni bil-lingwa Ingliza stante li kien ilu jghix Malta ghal tlett snin biss.

Illi b-digriet tad-9 ta' Mejju 1997, il-Qorti laqghet din it-talba.

Illi fis-17 ta' Novembru 1998, il-konvenut gie debitament notifikat bic-citazzjoni kif tradotta (riferta a fol. 37 tal-process).

Illi b'digriet tal-5 ta' Marzu 1999 Dr. Sandra Sladden ghall-konvenut giet awtorizzata sabiex tipprezenta rikors sabiex tiggustifika l-kontumacja tal-konvenut izda dan ir-rikors ma giex prezentat u fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 1999 l-Qorti ddikjarat l-istat ta' kontumacja tal-konvenut.

Illi fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2000 Dr. Anna Mallia ghall-attur nomine talbet li l-kawza tigi differita ghas-sentenza fuq il-provi migbura.

**Konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet.**

Illi f'din il-kawza ma nstemghux provi izda fid-dikjarazzjoni tal-fatti annessa mac-citazzjoni, l-attur nomine kkonferma bil-

gurament li l-ammont mitlub minnu fic-citazzjoni odjerna ghadu dovut mill-konvenut. Inoltre huwa esebixxa kopja fotostatika tac-cheque mahrug minnu favur Toppers Auto Dealer li ghalih saret riferenza f'paragrafu f tad-dikjarazzjoni tal-fatti (a fol. 5 tal-process).

Illi kif diga' intqal aktar 'il fuq, nonostante li l-konvenut gie debitament notifikat bic-citazzjoni, addiritura anki bl-istess citazzjoni tradotta fil-lingwa Ingliza, u dan wara li saret talba minnu f'dan is-sens, u wkoll naqas milli jintavola t-talba sabiex jiggustifika l-kontumacja tieghu, wara li huwa inghata l-opportunita' jaghmel dan, huwa baqa' fi stat ta' kontumacja.

Fic-cirkostanzi ghalhekk it-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u qeghdin jintlaqghu minn din il-Qorti bil-kundanna tal-konvenut li jhallas lura lill-atturi s-somma ta' tlett elef lira Maltin (Lm3,000) dovuti kif indikat, bl-imghax legali minn dik id-data ta' meta din ic-citazzjoni giet notifikata lill-konvenut bil-lingwa Ingliza, u bl-ispejjez kollha tal-kawza.

Deputat Registratur

rf.